TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 57/11

**Mr. & Mrs. V. Caruana**

**vs**

**SMS Travel**

Illum 27 ta' Lulju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-28 ta' Frar, 2011 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' ħames mija u tnejn u tmenin ewro (€582), rappreżentanti ġurnata mitlufa u spejjeż sakemm sabulhom il-hotel.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huma rappreżentanti tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma kienu marru cruise u l-aħħar ġurnata kellhom imorru Barcelona pero' meta waslu ġo Barcelona, ġew infurmati li jista' jkun li kellhom jiċċaqalqu ġo hotel barra miċ-ċentru. Illi damu jistennew mill-10:00am sas-1:00pm biex jaraw x'kienet ir-risposta, u sadanittant qabdu taxi u marru saċ-ċentru, meta ġew lura, ġew infurmati li mhux se jiċċaqalqu minn ġol-hotel li hemm fiċ-ċentru imma li jistgħu joqogħdu hemmhekk, bil-konsegwenza li kellhom jaqbdu taxi u reġgħu marru x'imkien ieħor. Ir-rikorrenti qed jilmentaw illi tilfu ħafna ħin mill-ġurnata biex wara kollox ġew infurmati li kienu ser jibqgħu fil-hotel, fiċ-ċentru.

Is-soċjeta' intimata ssottomettiet bil-miktub illi għamlet minn kollox sabiex tipprova taqdi lir-rikorrenti u fl-aħħar mill-aħħar inqdew għax xorta baqgħu fiċ-ċentru.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jinnota illi verament ir-rikorrenti kellhom inkonvenjent, għall-fatt illi ma kinux jafu jekk humiex ser joqogħdu fil-hotel li hemm fiċ-ċentru u kellhom jerġgħu jmorru lura wara li kienu fiċ-ċentru, li seta' joħloq inkonvenjent u dwejjaq speċjalment fl-aħħar ġurnata tal-vaganza.

Pero' t-Tribunal, jinnota li kien kollox solvut u anke offrewlhom xi kumpens billi jieħdu *excursion* l-għada, iżda r-rikorrenti ma setgħux għax kienu se jirritornaw lura lejn Malta.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' sittin ewro (€60), bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**